MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 555/2002

**Avviz Numru 555/2002 DM**

**Mariella Aquilina**

**Vs**

**Michael Pace**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema attrici talbet il-kundanna tal-konvenut sabiex jirrifondi s-somma ta' elfejn u mitt lira Maltija (Lm2100) rapprezentanti self li sarlhu 'brevi' manu' minn Giuseppe Pace li tieghu l-istess attrici hi l-unika eredi.

Bl-interess mid-data ta' l-ittra ufficjali tad-19 ta' Gunju, 2002, u bl-ispejjez ta' l-istess ittra ufficjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjoni tall-konvenut Michael Pace fejn eccepixxa illi:

1. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti qatt ma ssellef ebda flus minghand id-decedut Giuseppe Pace;
2. Fi kwalunkwe kaz it-talbiet attrici huma preskritti fit-termini ta' l-Artikolu 2156 (d) tal-Kap 16.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tall-process; kompriza n-nota ta' riferenzi pprezentati mill-konvenut; u

Ikkunsidrat:-

Il-provi prezentati mill-attrici u li fuqhom qeda tibbaza t-talba taghha jikkonsistu fid-dikjarazzjoni ta' Giuseppe Pace maghmula fit-testment tieghu tal-21 ta' Jannar 2002, fit-tielet (3) artiklu, fejn iddikjara illu huwa kreditur tan-neputi tieghu Michael Pace fis-somma ta' elfejn u mitt lira maltin (Lm2,100), fid-depozizzjoni ta' l-attrici illi tiddikjara illi, ghalkemm qatt ma rat lil Michael Pace jaghmel xi pagament okkont ta' l-imghax jew kapital, il-kreditur Giuseppe Pace kien jghidilha illi il-konvenut kien effettivament jaghmel dawn il-pagamenti u fid-depozizzjoni ta' Martin Buhagiar illi stqarr illi l-konvenut f'diskursata mieghu ma *kienx eskluda* li huwa setgha kien debitur.

Minn naha l-ohra il-konvenut jichad kategorikament illi huwa xi darba issellef xi flus minghand Giuseppe Pace u anki jinnega illi kkunsidra li jaghmel xi pagamenti lill-attrici.

Ghalhekk fin-nuqqas ta' ebda dokument jew kitba li turi li l-konvenut accetta xi flus b'self minghand Giuseppe Pace jew li rrikonoxxa li ghandu jaghti xi kapital jew xi imghax lil Giuseppe Pace, it-talba attrici tista tigi milqugha biss jekk,

fuq bilanc ta' probabilita', il-provi imressqa minnha jkunu sufficjenti biex iwasslu ghal-konkluzzjoni li effettivament il-konvenut kien debitur ta' Giuseppe Pace tenut kont ta' l-oppozizzjoni li qed jaghmel il-konvenut.

L-attrici taghmel hafna enfazi fuq l-ahhar testment ta' Giuseppe Pace fejn iddikjara unilateralment li hu kreditur tal-konvenut. Izda dan b'ebda mod ma jista' jippregudika lil konvenut li minn naha tieghu jichad illi kien issellef xi flus.

Ghalkemm, jezistu cirkostanzi illi minn naha l-wahda issahhu t-tezi attrici, bhal ma huwa l-fatt illi effettivament Giuseppe Pace kien jislef il-flus lil membri tall-familja tieghu u li gieli semma illi il-konvenut setgha ghaddielu xi flus, jeziztu ukoll cirkostanzi ohra illi jsahhu il-versjoni tal-konvenut, bhal ma huwa l-fatt illi hadd ma effettivament qatt osserva lil-konvenut jaghddi xi flus lill allegat kreditur u illi ghalkemm it-testatur hass il-htiega li jiddikjara fit-testment tieghu li l-konvenut kien debitur, ma jirrizultax li kien hemm qatt xi okkazzjoni fejn saret xi interpellazzjoni bil-miktub lil  Michael Pace biex dan jaghmel xi pagament akkont tal-kapital jew ta' l-imghax.

Ghandu jinghad ukoll li l-fatt li l-konvenut, meta kien gie avvicinat minn rapprezentant ta' l-attrici biex jaghmel pagamenti, kien illimita ruhu ghal talba ghall-ezami tat-testment u li jara l-affarijiet tieghu, b'ebda mod ma jimplika xi rikonoxximent ta' l-istess konvenut illi huwa debitur ta' Giuseppe Pace jew li kien qed jikkunsidra li jaghmel xi hlas.

Ghalhekk, issib illi l-provi prodotti mill-attrici m'humiex sufficjenti biex fuqhom tigi akkordata t-talba taghha u ghaldaqstant tichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------